# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 41**

**Ċitazzjoni numru 569/14/2 SM**

**AB**

**v.**

**CD**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi AB ippreżentat minnha fis-27 ta' Ġunju, 2014, li permezz tiegħu ngħad:

> " Illi l-attrici u l-konvenut kienu namrati sakemm ma baqghux hekk ghal cirka sena u nofs bl-intimat jidhol id-dar tar-rikorrenti li fiha tghix mal-genituri taghha regolarment matul dan iz-zmien.
>
> Illi bejn il-kontendenti kien jinqala certu tisgwid billi l-intimat ma' kellux impjieg fiss u kien jippretendi li biex jimpjega ruhhu jew ikollu salarju u kundizzjonijiet tajbin jew inkella ma' jahdimx.

Illi fil-11 ta' Ottubru 2012 meta l-attrici kienet qed tistenna lill-konvenut jasal id-dar t'ommu wara li mar jaghmel interview biex isib xoghol fiss, meta dan irritorna minn dan l-interview kien iddikjara li ma' kienx interessat jiehu l-job lilu offrut ghaliex il-paga kienet inqas minn dak li ppretenda. Meta qal dan id-diskors l-attrici kienet tal-fehma u hekk espremit ruhha mieghu illi kien ikun ahjar li jibda jahdem anke jekk b'paga minima, sakemm forsi fil-futur jsib impjieg b'paga ahjar minflok ma jibqa' qieghed ma' jaqla xejn.

Illi appena l-attrici spiccat tghid dan il-kliem, l-intimat infurja ruhhu, hatfilha t-tazza tal-luminata li kellha f'idejha u vilment u bla mistenni litteralment temmaghlha t-tazza go wicca b'dan illi mhux biss ikkagunala sfregu gravi u permanenti minn ghajnejha x-xellugija kollox skond kif jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Illi dawn il-fatti huma kkonfermati bic-certifikati mahruga mill-isptar mater Dei b'mod partikolari mill-oftalmologu Mr.William Gualtieri kif ukoll mill-oftalmologu Mr. Melvin Gouder li ghal dak li ghandu x'jaqsam biss mal-vizjoni tal-ghajn ix-xellugija taghha li minnha ma tara xejn iccertifika dizabilita permanenti ta' 40% skond certifikati hawn annessi u mmarkati rispettivament **Dokument VM1 u VM2**.

Illi ghad trid tigi stabbilita d-debilita permanenti li l-attrici sofrit bhala konsegwenza diretta tal-aggressjoni fuqha da parti tal-intimat in kwantu ghall-feriti l-ohra kkagunati f'wiccha li wkoll hallewha ssofri minn debilita permanenti ulterjuri.

Illi ghad-danni kkagunati lill-esponenti mill-agir vjolenti u kriminuz da parti tal-intimat, jahti unikament hu tant li sahansitra nstab hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza l-Pulizija (Spetturi Jesmond Micallef u Jason F. Sultana) vs CD, kumpilazzjoni numru 1054/12 deciza mill-Magristrat Dr.Doreen Clarke fl-14 ta' Mejju 2014, minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' AB f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq l-istess AB u gie kkundanat ghal disa xhur prigunerija fost htija fuq akkuzi ohra. Kopja ta' din is-sentenza qed tigi hawn anness u mmarkata **Dokument VM3.**

Illi minn din is-sentenza l-intimat interpona appella li ghad irid jigi appuntat iktar tard biex b'hekk is-sentenza li nghatat fil-konfront tieghu ghadha sospiza.

Illi l-intimat ghadu sal-lum jinsisti illi huwa ma kellu l-ebda konnessjoni jew htija mal-incident imsemmi u ghadu jinsisti li m'ghandu jsofri l-ebda danni ghal akkadut.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, in vista tal-premess:

1. Tiddikjara illi ghad-danni kollha sofferti mill-esponenti b'konsegwenza diretta ta' dan l-incident, inkluz naturalment danni ghad-dizabilita permanenti sofferti mill-attrici, jahti unikament l-intimat;

2. Tillikwida l-istess danni sofferti mill-esponenti kif fuq intqal u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement tikkundanna l-intimat ihallas lill-esponenti dawk id-danni li jigu hekk illikwdati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk li l-esponenti giet kostretta taghmel in konnessjoni mal-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs CD kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut CD li permezz tagħha wieġeb:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponent m'huwiex responsabbli ghall-incident tajigi (sic) kkundannat ghal hlas ta' danni li l-attrici sofriet;

2. Illi l-esponent jirreleva li s-sentenza ta' Il-Pulizija -v- CD tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Mejju 2014, giet appellata u b'hekk mhix *res judicata* u ma tistax tkun parti mill-provi fl-azzjoni de quo. B'hekk is-sentenza ghandha tigi sfizata;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dizabbilita permanenti ta' 40% imsemmija fir-rikors promotur u fid-dokumenti annessi maghha m'huwiex korretti. Barra minhekk m'huwiex car jekk id-dizabbilita imsemmija fid-Dok VM2 qed jaghmilx referenza ghal disabbilita fil-vizjoni ta' l-attrici jew il-kapacita taghha li tahdem;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Ottubru, 2016, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi ċaħdet ir-risposti kollha tal-konvenut CD, laqgħet it-talbiet tal-attriċi AB u ddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli għad-danni mġarrba mill-attriċi riżultat tal-aggressjoni eżerċitata mill-istess konvenut, li konsegwenza tagħha l-

attriċi sofriet diżabilita` permanenti serja; illikwidat id-danni hekk ikkaġunati mill-konvenut lill-attriċi fl-ammont ta' €268,768.00 u kkundannat lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjeż kollha kif mitluba fir-rikors ġuramentat kontra l-istess konvenut.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "8.0. Illi l-versjoni tal-fatti kif esposti mir-rikorrenti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati sintetikament bil-mod segwenti:
>
> 8.1. Illi meta sehh l-incident mertu tal-procedura odjerna l-partijiet kienu f'relazzjoni sentimentali li damet sejra sena (1) u tliet (3) xhur, (ara foll 25);
>
> 8.2. Illi l-iskop ta' din ir-relazzjoni kien li eventwalment jizzewgu, (ara foll 25);
>
> 8.3. Illi pero` dan l-iskop sfuma meta fil-11 ta'Ottubru, 2012, inqala l-incident meritu tal-procedura odjerna, (ara foll 25);
>
> 8.4. Illi meta dakinhar spiccat mill-MCAST fejn kienet tattendi, r-rikorrenti marret tistenna lill-intimat id-dar tieghu il-Pieta`, (ara foll 25);
>
> 8.5. Illi meta waslet ir-residenza tal-intimat dan ma kienx id-dar u wara li fethitilha l-mama` tieghu, din offritilha x'tixrob sakemm l-intimat jirritorna lura d-dar, (ara foll 25);
>
> 8.6. Illi dakinhar l-intimat kien mar ghall-*"interview"* biex jipprova jsib xi impjieg, (ara foll 25);
>
> 8.7. Illi meta rritorna r-rikorrenti esprimiet ruhha fis-sens li jekk jintghazel, l-intimat kien imissu jaccetta x-xoghol offrut, (ara foll 25);
>
> 8.8. Illi b'reazzjoni ghal dan il-kliem, l-intimat intilef, u "qabad it-tazza li kont qed nixrob minnha u temmahhili m'ghajnejja", (ara foll 25);
>
> 8.9. Illi rizultat tal-istess:
>
> 8.9.1. Bil-forza tal-impatt it-tazza inkissret ma' wicc ir-rikorrenti;
>
> 8.9.2. Beda hiereg hafna demm minn ghajnejn ir-rikorrenti, (ara foll 25);

8.9.3. L-intimat ippanikja, (ara foll 25);

8.9.4. Meta saret taf il-mama` tal-intimat b'dak li kien gara, hassha hazin, (ara foll 25);

8.10. Illi r-rikorrenti ttiehdet l-isptar b'ambulanza akkumpanjata mill-mama` tal-intimat, (ara foll 25);

8.11. Illi rizultat tal-istess agressjoni r-rikorrenti:

8.11.1. Ghada ma tarax minn ghajnejha x-xellugija, (ara foll 25);

8.11.2. Kellha diversi punti minn imnieherha ghal fuq mohha, (ara foll 25 u 26);

8.12. Illi minn dakinhar-il quddiem spiccaw il-kuntatti kollha bejn il-kontendenti, (ara foll 26);

8.13. Illi fi triqathom fl-ambulanza lejn l-isptar, omm l-intimat infurmat lir-rikorrenti li l-intimat " mhux l-ewwel darba li kien refa` jdejh fuq it-tfajliet li kellu qabel u sahansitra anke fuqha", (ara foll 25);

8.14. Illi l-hsara riskontrata f'ghajnejn ir-rikorrenti hi serjissima u irrimedjabbli (ara foll 26);

8.15. Illi rizultat tal-istess aggressjoni vjolenti irrizulta li inqalghet ir-retina minn ghajnejn ix-xellugija tar-rikorrenti u ghalkemm operata, d-dannu kkagunat kien wiehed irriversibbli, (ara foll 36 u 43);

8.16. Illi anke wara konsulta m'espert mir-Renju Unit, irrizulta li ma seta` jsir xejn fir-rigward, (ara foll 36);

8.17. Illi rizultat tal-istess r-rikorrenti:

8.17.1. Ma tarax minn ghajnejha x-xellugija u ghalhekk gie stabbilit li ghandha dizabilita` permanenti t'erbghin fil-mija, (40%), (ara foll 36); u

8.17.2. Sofriet sfregju f'wiccha, (ara foll 25 u 26);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-verzjoni tal-intimat tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

9.1. Illi l-kontendenti kienu t-tnejn bilqeghda fuq sufan li quddiemu kellu mejda baxxa fejn kien hemm tazza tax-xorb quddiem in-naha tar-rikorrenti, (ara foll 47);

9.2. Illi l-intimat isosstni li meta resaq waqt li r-rikorrenti kienet qed tixrob, laqghat lill-istess rikorrenti, (ara foll 47);

9.3. Illi rizultat tal-incident ippanikja u spicca taht xokk, (ara foll 47);

9.4. Illi cempel ghall-ambulanza, (ara foll 47);

9.5. Illi meta l-ambulanza hadet lir-rikorrenti l-isptar akkumpanjata mill-mama` tal-intimat, l-intimat baqa` fir-residenza tieghu fejn sabuh il-Pulizija, (ara foll 48);

9.6. Illi in vista tas-suespost isosstni li mhux responsabbli ghall-incident in dizamina, (ara foll 20);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi skont ir-rapport tal-Pulizija jirrizulta sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi meta marru fir-residenza tal-intimat sabu biss lill-intimat jibki, (ara foll 73);

10.2. Illi mill-ewwel qalilhom li kien ta daqqa ta' sieq lir-rikorrenti f'wiccha u konsegwenza tal-istess faqa` tazza tal-hgieg f'wiccha waqt li kienet qed tixrob minna, (ara foll 73);

Ikkunsidrat:

11. Illi fir-rigward ta' versjoni tal-fatti rilaxxata *a tempo vergine*, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Citadel Insurance p.l.c. kif surrogate fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gaetano Debono u l-istess Gaetano Debono vs. Alan Chircop*** datata s-***26 ta' Lulju, 2013***, applikabbli ghal fatti in dizamina, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet is-segwenti:

"Kif gia` rilevat il-verzjoni *a tempo vergine* tinghata mis-sewwieq immedjatament jew ftit hin wara l-incident. Una volta li tali versjoni nghatat fil-mument meta l-incident ikun ghadu fis-sehh, kwindi is-sewwieq ma jkollux cans joqghod jahseb x'verzjoni tal-fatti jaqbillu jaghti. Tali verzjoni ukoll tinghata qabel ma sewwieq ta' vettura jkollu l-opportunita` li jikkonsulta ma' haddiehor u qabel ma jista` jigi influwenzat minn haddiehor dwar x'ghandu jghid. Kwindi jidher li l-verzjoni li tinghata *"a tempo vergine"* ghandha titqies li hi l-verzjoni l-aktar affidabbli";

Ikkunsidrat:

12. Illi l-verzjonijiet sussegwenti tal-intimat ma jirrizultawx li huma verosimili u minflok il-verzjoni minnhu rilaxxata lill-Pulizija *a tempo vergine* fuq sintetikament riprodotta, (ara paragrafu numru (10.) aktar qabel u foll 73), hi ferm aktar kredibbli;

13. Illi in vista tal-istess din il-qorti hi konvinta li l-incident in dizamina ma kienx wiehed accidentali kif jipprova jpingieh l-intimat, izda wiehed rizultat tal-aggressivita` voluta ezercitata fuq ir-rikorrenti mill-intimat;

14. Illi l-istess hu konfortat mill-fatt li l-intimat gia` instab hati kriminalment ta' sfregju u dizabilita` kkangunati lir-rikorrenti fejn il-piz tal-prova hu ferm aktar oneruz minn dak riskontrat fi procedura ta' natura civili bhal ma' hi dik odjerna, u dan, *nonostante* il-fatt li l-istess decizjoni tal-***Qorti tal-Magistrati*** ghada *sub judice*, (ara foll 6);

15. Illi f'dan ir-rigward tal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-intimat l-istess decizjoni tal-***Qorti tal-Magistrati*** in dizamina ssosstni s-segwenti: (ara foll 11)

"Illi din il-verzjoni hija inverosimili ghall-ahhar u ma taghmel l-ebda sens. Jekk l-imputat ried jersaq lejn il-lemin difficilment wiehed jista` jaccetta li biex jersaq ftit fuq is-sufan min-nofs ghan-naha tal-lemin hu laqghat (b'saqajh li qatt ma nqalghu minn fuq it-tavolina) lil Muscat bit-tazza f'idejha meta hi kienet man-naha tax-xellug tieghu. Naturalment wiehed ma jridx jinsa li l-aghar griehi Muscat soffriethom man-naha tax-xellug ta' wiccha, cioe` mhux man-naha li kienet vicin tal-imputat imma n-naha l-ohra.

"Illi fattur iehor li ghandu jassumi certa rilevanza huwa n-natura tal-griehi li soffriet Muscat. Kieku l-incident verament sehh kif spjega l-imputat huwa probabbli li t-tazza ma kienitx tinkiser pero` anke kieku kellha tinkiser, zgur li ma kienitx tikkawza l-griehi li fil-fatt soffriet Muscat. Dawk il-griehi bilfors sehhew minhabba impatt qawwi;

"Illi fil-fatt il-qorti hi konvinta li, kif qalet il-parti leza, it-tazza l-imputat qabadha b'idejh u faqaghha ma' wicc Muscat b'impatt tant qawwi li anke hu sofra griehi: dak il-qtugh li nnota l-ufficjal prosekutur u li hemm refernza ghalihom fl-istqarrija tal-imputat";

Ikkunsidrat:

16. Illi in vista tas-suespost u tal-fatt li din il-qorti, waqt li qed tiskarta l-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-intimat, qed tistrieh fuq il-verzjoni tar-rikorrenti, hi sodisfatta li d-danni kkagunati lir-rikorrenti gew ikkagunati mill-intimat meta bi vjolenza arroganti faqqa t-tazza tal-hgieg f'wicc ir-rikorrenti bil-konsegwenzi kollha rizultanti mill-istess;

17. Illi ghalhekk huwa l-intimat li hu unikament responsabbli ghad-dizabilita` permanenti riskontrata u ghad-danni kollha minnu hekk ikkagunati lir-rikorrenti:

18. Illi *di piu`*, ghandu jkun pacifiku li d-dizabilita` riskontrata hi wahda verament ta' natura serja fejn tfajla fl-aqwa taghha sofriet sfregju f'wiccha u tilfet ghajnejha x-xellugija;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi rigward id-danni sofferti mir-rikorrenti kagun tal-aggressjoni vjolenti gratuwita tal-intimat fuq ir-rikorrenti, jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi l-esperti medici involuti t-tnejn jaqblu li l-ferita riskontrata f'ghajnejn ir-rikorrenti hi serjissima, (ara foll 36 u 43);

19.2. Illi *di piu`*, il-konsulent involut jistabbilixxi *ex parte* li d-dizabilita` riskontrata f'ghajnejn ir-rikorrenti hi ta' erbghin fil-mija, (40%), (ara foll 36);

19.3. Illi in effetti, l-istess rikorrenti tilfet id-dawl mill-istess ghajn, (ara foll 36);

Ikkunsidrat:

20. Illi f'dan l-istadju allura hu necessarju li ssir riferenza ghall-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili li jitfghu dawl fir-rigward li izda, a skans ta' dilungar inutili, mhux ser jigu hawn riprodotti;

21.0. Illi fir-rigward tal-istess artikli jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi wiehed iwiegeb ghall-hsara li ssir htija tieghu;

21.2. Illi ikun fi htija kull min ma juzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

21.3. Illi hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa, ghall-hsara kkawzata b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar;

22. Illi *di piu`*, l-artiklu 1045 tal-istess Kodici fuq indikat jghid li:

"1. Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, t-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta` jgib;

"2. Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, x-xorta u grad ta' inkapacita` kkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara";

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat isosstni li wara l-incident *de quo*:

23.1. Kompliet tavvanza fl-edukazzjoni taghha u minn studenta tal-MCAST spiccat ikkwalifikat bil-*B.A. (Honours) in Business Enterprise*, (ara foll 154);

23.2. Illi tahdem ukoll bhala *accounts clerk* f'*supermarket* rinomat, (ara foll 58 u 154);

24. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***George Borg et nomine vs. Anthony Borg et***, datata l-***20 t'Ottubru, 2008***, fejn il-***Qorti tal-Appell*** irriteniet:

"... illum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilita`, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effett fuq il-kapacita` lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista` jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal"

25. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs. Albert Mizzi et nomine*** datata t-***23 t'April, 2001***, il-***Qorti tal-Appell (Superjuri)*** osservat li f'dan il-qasam kellha tikkonsidra:

"... dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu. Dana mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f'kull attivita` ohra lavorattiva ghalih miftuha";

26. Illi konsegwentement allura jinghad illi debilita` permanenti tista` dejjem, fil-futur, tkun ta' intopp ghar-rikorrenti Muscat u timpediha milli ttejjeb il-qaghda finanzjarja taghha *stante* li rizultat tal-istess ma tkunx tista` takkwista posizzjoni ahjar;

Ikkunsidrat:

27. Illi fil-mument tal-incident ir-rikorrenti kellha ghoxrin (20) sena, (ara foll 138);

28. Illi fid-dawl tal-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fil-kawza fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro et***, datata l-***5 ta' Dicembru, 2014***, u tat-tabella hemm riprodotta, il-*"multiplier"* li ser jigi hawn adoperat hu dak ta' seba' u tletin (37) sena;

Ikkunsidrat:

29.0. Illi fir-rigward tat-tnaqqis fl-ammont likwidat minhabba il-*"lump sum payment"* jigi sottolineat is-segwenti:

29.1. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Annunziata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri*** deciza fis-***27 ta' Frar, 2004***, il-***Qorti tal-Appell*** irribattiet li:

"Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *"lump sum payment"* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ukoll relattiv,

29.2. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited*** datata it-***2 ta' Gunju, 2005***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** qalet:

"... f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa *'lump sum payment'* lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar min sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

30.0. Illi f'dan ir-rigward jigi osservat is-segwenti:

30.1. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fis-27 ta' Gunju, 2014, (ara foll 1);

30.2. Illi l-istess qed tigi deciza fil-11 t'Ottubru, 2016, (ara foll 147);

30.3. Illi ghalhekk allura ghandu jsir tnaqqis t'20% *stante* li l-kawza odjerna qed tigi deciza *entro* s-sentejn (2) minn meta giet intavolata;

Ikkunsidrat:

31.0. Illi rigward id-dizabilita` permanenti riskontrata jinghad sintetikament is-segwenti:

31.1. Illi skont il-konsulent mediku *ex parte* inkarigat, dan jistabbilixxi li r-rikorrenti soffriet dizabilita` permanenti ta' erbghin fil-mija, (40%), (ara foll 5);

31.2. Illi jigi sottolineat li jirrizulta li ma sar l-ebda kontroezami tal-istess konsulent, anke wara li ta x-xhieda tieghu permezz ta' deposizzjoni guramentata, (ara foll 35);

32. Illi kif jirritjeni ***Peter Murphy*** fil-ktieb tieghu ***"Murphy on Evidence"***, Edizzjoni Numru 7, 2000, p. 511:

"Failure to cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine. Accordingly, it is

counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case, and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters or would be so able, given the truth of counsel's case";

33. Illi in vista tal-premess, it-tielet (3) risposta tal-intimat fir-rigward tad-dizabilita` permanenti stabbilita mill-istess konsulent, (ara foll 20), ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

34. Illi fid-dawl tas-suespost l-ammont ta' danni sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-agir vjolenti tal-intimat kif fuq elenkat qieghed jigi applikat bil-mod segwenti:

€22,700.00: ***salarju annwali*** tar-rikorrenti fuq medja ta' tliet (3) snin flimkien ma zidied ghall-gholi tal-hajja, (ara foll 37);

x 37 (***multiplier)*** x 40% (***dizabilita` permanenti***) ammontanti ghal €335,960.00 li minn dan ghandu jitnaqqas l-ammont ta' 20% *"lump sum payment"* ekwivalenti ghal €67,192.00;

35. Illi applikat b'dan il-mod kif elaborat fil-paragrafu precedenti, l-ammont ta' danni hekk likwidat allura jammonta ghal **mitejn tmienja u sittin elf, seba` mija u tmienja u sittin euro, (€268,768.00)**;"

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut CD li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-konvenut mhux responsabbli għall-inċident tal-11 ta'Ottubru, 2012, u fin-nuqqas m'għandux iħallas lill-attriċi is-somma ta' €268,768.

6. Rat ir-risposta tal-attriċi AB li permezz tagħha wieġbet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, kwindi li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell in eżami fis-sħiħ, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami waqt is-seduta tat-8 ta' Frar, 2022;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawża hija waħda ta' danni wara inċident li seħħ bejn il-partijiet li kienu għarajjes. Hekk kif AB uriet il-fehma li l-konvenut kellu jagħmel ħiltu sabiex isib u jżomm impieg u li fin-nuqqas hija ma kenitx qieghda tara futur tagħhom flimkien, seħħ inċident fejn tazza li kellha f'idejha l-attriċi tkissret ma' wiċċha, bil-konsegwenza li kellha tiġi rikoverata l-isptar, fejn minkejja li saret operazzjoni u l-kura li ngħatat, spiċċat sabiex tilfet id-dawl minn għajnha x-xellugija. Id-diverġenza ewlenija bejn il-partijiet hija jekk l-inċident kienx wieħed intenzjonat fejn skont l-attriċi seħħ konsegwenza tar-rabja li kellu l-attur b'reazzjoni għal dak li qaltlu jew jekk kienx sempliċement wieħed aċċidentali jew *casus* hekk kif jisħaq il-konvenut. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi sabet responsabbilta` fl-aġir tal-konvenut, li wassal għas-sinistru li konsegwenza tiegħu l-attriċi sofriet diżabilita` permanenti, kif ukoll illikwidat id-danni fl-ammont ta' €268,768 u kkundannat lill-istess konvenut iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma bħala danni, kif ukoll l-ispejjeż kollha mitluba minnha.

10. Il-konvenut ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha fejn l-appell tiegħu jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali:

(i) dak dwar ir-responsabbilta` għall-inċident in eżami; u

(ii) dak dwar id-danni likwidati mill-ewwel Qorti.

**Responsabbilta`**

11. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant sa fejn huwa jilmenta dwar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li jingħad li sabitu ħati għall-inċident in kwistjoni, fejn isostni li l-ewwel Qorti żbaljat fis-sentenza appellata, meta bbażat ir-responsabbilta` għall-inċident fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dana peress li għalkemm l-ewwel Qorti tabilħaqq għamlet referenza għal dik is-sentenza, jibqa' l-fatt li l-ewwel Qorti għamlet analiżi tal-provi indipendentement minn dik magħmula fis-sentenza kriminali u dan peress li wara li għamlet referenza għall-verżjoni rispettiva tal-partijiet, hija għamlet ir-raġunament tagħha kif jixhdu l-paragrafi 12 u 13 tas-sentenza appellata u wara għaddiet sabiex f'paragrafu 14 tispjega li l-konklużjoni milħuqa minnha kienet konfortata mill-fatt li l-konvenut

instab ħati ukoll kriminalment (fejn il-livell ta' prova meħtieġa hija aktar rigoruża) u kien f'dak il-kuntest li saret referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, fejn ġie speċifikat ukoll li kienet f'dak l-istadju għadha *sub iudice.*

12. Filwaqt li din il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament ta' dawn il-Qrati fis-sens li:

> *"….il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet."*

(Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et**). Tajjeb li jiġi mfakkar ukoll l-insenjament ta' dawn il-Qrati kif imfisser fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Camilleri v. Gejtu Cassar**, deċiża fl-1 ta' Diċembru, 1955 (Kollez. Vol.XXXIX.II.768), fejn ingħad:

> *"Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri tal-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni simili ghandhom isiru "ex integro" quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali; anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; pero' xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibilita' taghhom u tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza tal-Artikolu 627(e) tal-Kap. 12." F'dan is-sens hi l-gurisprudenza taghna (Vol. VI P I p 143 u Vol. XXVII P I p 617).*

Naturalment il-ġudizzju f'sede penali jikkostitwixxi biss waħda mill-provi, pero' hi prova importanti anke għaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi loġikament relevanti għall-kwistjoni fil-kawża bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal-Kap.12).

13. Jiġi osservat ukoll li fir-rigward tal-ilment tal-appellant li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx waħda *res judicata* peress li kienet suġġetta għall-appell u għalhekk kien hemm ir-riskju li l-Qorti tal-Appell Kriminali tasal għal konklużjoni differenti, jiġi osservat li fil-mori tal-proċeduri tal-appell il-kawża kriminali ġiet deċiża finalment fit-28 ta' Marzu, 2019, fejn dik il-Qorti filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni, irriformat biss il-piena mogħtija, kwindi dan ir-riskju ma jirriżultax.

14. L-appellant jilmenta wkoll li huwa ironiku kif l-ewwel Qorti straħet fuq il-verżjoni mogħtija minnu *a tempo vergine* meta hemm provi ċari li huwa kien aġitat, taħt xokk qawwi u fi stat ta' paniku, mentri ma qisetx il-fatt li kienet l-istess attriċi li biddlet il-verżjoni tagħha għal numru ta' drabi. Għandu jingħad li fir-rigward tad-dikjarazzjoni mogħtija mill-partijiet *a tempo vergine,* din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad minnha dwar il-valur probatorju ta' dak li jingħad *a tempo vergine,* fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Jannar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet **Michele Lanteri v. Alan Spiteri:**

> *"Ir-raguni l-ghala il-Qrati taghna dejjem taw piz ghal dikjarazzjonijiet li jsiru a tempo vergine huwa proprju sabiex f'kaz ta' verzjonijiet kunfliggenti, il-Qrati jisiltu mill-verzjoni tal-partijet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti meta ezaminat id-dikjarazzjonijiet taz-zewg partijiet involuti fl-incident moghtija a tempo vergine, l-importanza tal-istqarrija moghtija ezatt wara l-incident qeghda fil-fatt li tinghata spontanjament u minghajr ma l-partijiet ikollhom ic-cans jahsbu jew jintebhu b'certi fatti jew jitkellmu ma' terzi u kwindi jvarjaw il-verzjoni."*

Tabilħaqq filwaqt li din il-Qorti tħaddan l-istess insenjament, tqis illi l-verżjoni li tingħata *a tempo vergine* ġeneralment hija l-aktar waħda kredibbli għaliex ħafna drabi tingħata f'mument fejn ma jkunx hemm ħin sabiex dak li jkun joqgħod jippjana u jevalwa x'effett ser ikollu dak li jingħad minnu bħala sekwenza tal-ġrajjiet. Għalhekk ħafna drabi l-Qrati, fl-evalwazzjoni tal-veraċita` *o meno* ta' verżjoni mogħtija, jagħtu importanza dak li jkun ingħad *a tempo vergine*.

15. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, meta l-pulizija kellmu lill-attriċi wara li marru ħdejha l-isptar, hija stqarret:

> *"...all she remembers is that she was sitting on the sofa in the living room and she had a verbal fight with* CD *and was hit in the face by a glass. When asked if she had the glass in her hand or not she confirmed that she is not sure."*

Meta xehdet fil-kawża odjerna, l-attriċi appellata xehdet hekk dwar is-sekwenza li fih seħħ l-inċident:

> *"...f'daqqa waħda ntilef u qabad it-tazza li kont qed nixrob minnha u temmahili m'għajnejja. Dak il-ħin imbagħad bdejt nara ħafna demm u lanqas kont naf xi ġrali."*

In kontro-eżami l-attriċi, xehdet hekk:

> *"Nikkonferma li kien hemm diversi argumenti bejnietna sabiex l-intimat isib xogħol. L-intimat qabel qatt ma kien vjolenti miegħi pero meta konna niġġieldu kien jitlagħlu bl-ikrah. ...It-tazza li temmali m'għajnejja kienet f'idejja, kien ħatafhieli minn idejja. It-tazza kienet tal-ħġieġ...f'daqqa waħda qagħad ftit kwiet u f'daqqa waħda anqas naf kif ġie u ġiet it-tazza m'għajnejja....Nikkonferma li meta ħatafli t-tazza b'idejh il-leminija mbagħad dar fuqi u tgħani daqqa f'għajnejja bit-tazza."*

Jiġi osservat li l-verżjonijiet mogħtija mill-attriċi huma pjuttost konsistenti in kwantu apparti li jixhdu sens ta' xokk għal dak li ġara, għalkemm hemm xi diverġenzi żgħar fuq id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, importanti ferm huwa l-fatt illi l-attriċi tispjega l-kuntest li fih seħħ l-inċident, fis-sens li dan seħħ wara li l-konvenut irrabja għal dak li qaltlu l-attriċi u seħħ konsegwenza tal-aġir dirett tiegħu bħala reazzjoni ta' rabja fil-konfront tagħha.

16. Mentri jekk wieħed jifli dak li qal il-konvenut meta marru l-pulizija, dan stqarr:

> *"He stated that he kicked his girlfriend in the face and smashed a glass that she was drinking from in her face."*

Waqt il-kawża l-konvenut xehed:

> *"Konna qegħdin nargumentaw. L-argument kien wieħed verbali. Kienet qegħda timponieli fuq il-jobs u tgħazilli x-xogħlijiet hi. Ir-rikorrenti kienet fuq in-naħa tax-xellug u jien in-naħa l-oħra. Quddiem is-sufan kien hemm mejda u fuq il-mejda kien hemm tazza bil-Coca quddiem in-naħa tar-rikorrenti. Kienet mejda baxxa li jkun hemm quddiem is-sufan.* ***Jien kelli saqajja fuq il-mejda u wara nofs siegħa nargumentaw jiena rsaqt, dak il-ħin ir-rikorrenti kienet qed tixrob u bis-sieq ix-***

> ***xellugija jiena lqatta' waqt li kienet qegħda tiġbor it-tazza.*** *Fil-ħin tal-inċident jiena ma nafx x'ġara l-għaliex dak il-ħin eżatt jiena waqajt fl-għama. Ippanikjajt u kont taħt xokk. ... Jiena ma kellix l-intenzjoni li nweġġa' lir-rikorrenti...Jiena nsostni li dak li ġara kien aċċidentali."*

Wara l-konvenut reġa' xehed:

> "***Meta jiena kont bilqegħda fuq is-sufan b'saqajja fuq il-mejda u ċċaqlaqt l-intenzjoni tiegħi kienet li nersaq fil-ġenb l-ieħor tas-sufan***. *Dak il-ħin li kont bilqiegħda fuq is-sufan meta ċċaqlaqt jiena ma kelli l-ebda intenzjoni li nattakka lir-rikorrenti."*

Mentri in kontro-eżami l-konvenut xehed:

> *"Meta qaltli li ser titlaqni jiena la dħaktilha u lanqas irrabjajt. Għamilna ftit minuti ma nitkellmux. Mistoqsi allura kif ir-rikorrenti spiċċat għamja u bil-punti fuq għajnejha ngħid illi* ***jien mort ngħolli saqajja, mort impoġġi bilqegħda u waqt li qed inpoġġi għollejt saqajja, ilqattha*** *dak il-ħin ippanikjajt...Jien bqajt id-dar bix-xokk....****It-tazza kienet f'idejn ir-rikorrenti qed tixrob minnha. Mistoqsi jekk waqt li kont bilqegħda jiena għollejt saqajja u lqatt it-tazza li r-rikorrenti kellha f'idejha li baqgħat dieħla f'għajnejha ngħid illi jiena ma niftakarx x'ġara eżatt****. "* (enfasi ta' din il-Qorti).

17. Għalkemm din il-Qorti ma tiddubitax li l-konvenut seta' baqa' xxukkjat b'dak li ġara, toħroġ ċertu nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda tiegħu sa fejn daqqa jgħid li kien bilqegħda b'saqajh fuq il-mejda u daqqa jgħid li kien sejjer ipoġġi bilqegħda u waqt li kien qiegħed ipoġġi għolla saqajh. Lanqas tqis verosimili meta jingħad minnu li minkejja li għamlu xi nofs siegħa jargumentaw, iżda meta l-attriċi qaltlu li jekk ma jsibx xogħol hija kienet ser titilqu, huwa ma kellu l-ebda reazzjoni fis-sens li la daħak u lanqas irrabja, bħallikieku kellu reazzjoni passiva ħafna minkejja li għamlu nofs siegħa jargumentaw. Dan meta skont ix-xhieda tas-surġent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (ara sentenza esebita bħala Dok. VM 3) il-

konvenut qalilhom li "*kellu argument mat-tfajla, **intilef,** għolla saqajh, kellha t-tazza f'idejha u inkisret*." Din il-Qorti, bħal ta' qabilha mhix konvinta li dan kien xi każ aċċidentali kif jisħaq il-konvenut appellant, iżda hija konvinta li l-verżjoni tal-attriċi hija aktar verosimili dwar iċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ l-incident, ċioe` bħala reazzjoni ta' rabja da parti tal-konvenut diretta fil-konfront tagħha, bil-konsegwenza li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-ħsara li sofriet l-attriċi minħabba l-inċident in eżami. Wara kollox din il-Qorti wkoll tqis inverosimili li jekk huwa minnu li l-konvenut laqat it-tazza b'saqajh aċċidentalment din kienet ser tinfaqa' f'wiċċ l-attriċi b'impatt tali u bil-konsegwenzi diżastrużi li seħħew. Anke jekk kien fi stat ta' rabja, dan xorta waħda ma jnaqqasx mill-ħtija tiegħu ladarba ma seħħlux juri li kien provokat.

18. Punt ieħor sollevat mill-appellant fl-appell tiegħu huwa li jpoġġi f'dubju l-verżjoni tal-attriċi, fis-sens, li kieku faqa' t-tazza f'wiċċ l-attriċi b'idejh, jistaqsi kif ma kellux girfa f'idejh. Mentri mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, jirriżulta li effettivament il-konvenut kellu ġrieħi f'idejh u dan kif osservat mill-uffiċjal prosekutur. Meta mistoqsi dwar dawn il-ġrieħi l-konvenut wieġeb li neħħa l-ħġieġ tat-tazza u għafashom xi ftit iżżejjed u b'hekk qata' idu (verżjoni li fiċ-ċirkostanzi tqis li hija pjuttost inverosimili). Isegwi li wara li kkunsidrat il-provi kollha in atti, din il-Qorti m'għandha xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, fir-rigward tar-

responsabbilta` mitfugħa fuq il-konvenut appellant għall-inċident li seħħ fejn l-attriċi appellata sofriet ġrieħi f'wiċċha u f'għajnha x-xellugija.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

19. Illi lanqas taqbel mal-konvenut appellant meta jingħad minnu li l-azzjoni attriċi hija intempestiva peress li jingħad minnu li l-feriti li ġarrbet l-attriċi ma kellhomx effett finanzjarju fuqha u għalhekk ma hemmx lok għal-*lucrum cessans.*

20. Tajjeb li jiġi mfakkar il-prinċipju li l-fatt li persuna li tkun sofriet minn diżabilita` permanenti tkun qiegħda taħdem u forsi saħansitra qiegħda taqla' aktar milli kienet qiegħda taqla' qabel ma korriet (kif fil-fatt huwa l-każ f'dan l-inċident fejn l-attriċi kienet għadha studenta), ma jfissirx li hija ma setgħetx issib opportunitajiet aħjar ta' xogħol li kieku ma korrietx. Id-diżabilita` neċessarjament timplika tnaqqis fil-possibilita` ta' dik il-persuna li tilħaq il-potenzjal massimu fil-ħajja lavorattiva tagħha. Hekk per eżempju, din il-Qorti, fil-każ ta' żewġ anzjani li sofrew minn debilita` permanenti wara inċident tat-traffiku, irriteniet illi:

> *"Dan premess din il-Qorti pero` ma tikkondividix is-sottomissjoni tal-appellanti fejn qed tigi mistharrga l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti li akkordat kumpens lill-attur appellat "fuq medja ta' qliegh annwu awmentat bl-10 fil-mija" meta l-istess appellant kien u baqa' jippercepixxi pensjoni. Huwa benn stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li kumpens ghal dizabilita` permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneggata ma titlef xejn mill-introjtu taghha – ara f'dan ir-rigward "George Gatt vs Francis E. Carbone nomine" deciza minn din il-Qorti*

*diversament komposta fis-7 ta' Lulju, 1998 u diversi sentenzi ohra in materja. Meta d-danni jirraprezentaw kumpens ghal telf futur, bhal ma huwa l-kaz in ezami, l-qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu percepit fid-data tal-incident progettat fuq il-firxa tas-snin maghzula bhala "multiplier".*

(Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu, 2004, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Galea et v. Charles Fenech proprio et nomine**).

21. Hekk ukoll fis-sentenza aktar reċenti ta' din il-Qorti tas-6 ta'Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et,** wara li l-Qorti eżaminat argument simili tal-appellant f'dik il-kawża, fis-sens li l-inċident mertu tal-proċeduri ma kellux effett daqstant negattiv fuq il-ħajja lavorattiva tal-attur, saret referenza għat-tagħlim siewi rifless fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Falzon et v. Emanuel Schembri et:**

*"…il-ħsara mġarrba mill-attur trid titqies ukoll mill-aspett ta' nuqqasijiet jew telf ta' opportunitajiet li dik il-ħsara tkun ġabet lill-vittma, kif ingħad aktar qabel. It-tħabrik tal-attur li jgħin lilu nnifsu biex jasal ħalli jkun jista' jaqla' l-għixien tiegħu m'għandux ikun raġuni biex l-imħarrkin jibbenefikaw minn tnaqqis ta' kumpens għall-ħsara li ġarrab, għaliex huwa mistenni li l-parti mġarrba tagħmel l-aħjar li tista' biex tnaqqas l-effetti tad-dannu mġarrab minnha. Dak it-tħabrik juri wkoll li, minkejja dak li għadda minnu l-attur Carl Falzon, kien determinat li jimxi 'l quddiem fil-ħajja fil-qafas tal-limitazzjonijiet fiżiċi u fiżjoloġiċi li l-ġrieħi ġabhulu, u liema sforz jixhed irrieda u l-ħila tiegħu li jilħaq dak li jaspira għalih, u li dak li kien jaspira li jilħaq ma kienx biss il-frott ta' xewqa fiergħa maħluqa biex jipprovoka għoti ta' kumpens akbar;*

*"Illi l-Qorti, min-naħa l-oħra, tqis ukoll li Falzon għandu jitqies li bid-debilità mġarrba, se jkun xorta waħda jista' jibni karriera u ħajja tax-xogħol li tagħha jingħata l-ħlas mistħoqq."*

22. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, minkejja li l-attriċi kienet għadha studenta l-MCAST meta seħħ l-inċident, hija baqgħet tħabrek sabiex b'determinazzjoni u bl-għajnuna tal-familja tagħha, waslet li tispiċċa b'suċċess il-kors tal-istudju tagħha, iggradwat u tinsab impjegata. Il-fatt li l-attriċi taħdem mingħajr ma tilmenta dwar il-kondizzjoni medika tagħha, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-espert mediku *ex parte* nkarigat mill-attriċi għamel rapport fejn irrileva li l-attriċi "*does not have functional vision from this eye. She has 40% disability*." Fin-nuqqas li dan ir-rapport tal-espert mediku *ex parte* jiġi kkontestat permezz ta' kontro-eżami, jew li jiġi kkuntrastat billi ssir talba li jinħatar espert mediku tal-Qorti sabiex tkun tista' tiġi aċċertata wkoll id-diżabilita` tal-attriċi b'mod indipendenti, kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kellha bilfors tqis l-impatt li din id-diżabilita` riskontrata kien ser ikollha fuq il-ħajja lavorattiva tal-attriċi u l-qligħ futur tagħha. Isegwi li din il-Qorti tqis li l-ewwel Qort eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod raġonevoli u korrett meta adottat il-perċentwal ta' diżabilita` ta'40% fil-kalkoli tagħha dwar telf ta' qligħ futur u ma tara l-ebda raġuni valida għaliex għanda tvarja tali perċentwal.

23. Il-konvenut appellant jilmenta wkoll li kellu jintuża kriterju oġġettiv, u jagħmel referenza għall-ġurisprudenza fejn il-kalkolu tat-telf ta' qligħ fil-każ ta' tifla minuri beda jiġi kkalkulat minn meta t-tifla setgħet tibda l-ħajja lavorattiva tagħha (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta'

Jannar, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Bottone et v. Rita Saliba et**). Jingħad minnu wkoll li l-Qrati għandhom jagħmlu użu mid-diskrezzjoni tagħhom sabiex fil-likwidazzjoni tad-danni f'każijiet simili, jeżaminaw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi, peress li tkun ser tingħata somma kapitali li mhix ser tkun suġġetta għall-ebda reviżjoni.

24. Fir-rigward tal-*multiplier,* issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Bonanno v. Malta Freeport Terminals Limited** fejn ingħad illi:

> *"Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkummenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra,* ***ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-multiplier****. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza* ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja****, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet* ***Anthony Turner et v. Francis Agius et*** *deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:*
>
>> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)*
>
> *Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier:*
>
>> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going*

> *to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.” (**Peter Cane, Atiyah’s Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122**).*

***Il-Qorti ssib li ghandha tfittex li tirreintegra kemm jista’ jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga’ tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-incident. Gie stabbilit ukoll li l-multiplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi**, (ara per ezempju **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta’ Novembru, 1983).*

(enfasi ta’ din il-Qorti).

25. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, kif ġustament osservat l-ewwel Qorti, l-attriċi kellha għoxrin sena fil-mument tal-inċident. Għalkemm huwa minnu li s-somma likwidata permezz tas-sentenza appellata għandha element ta’ finalita`, peress li wara din is-sentenza ma hemmx lok għal reviżjoni ulterjuri, tajjeb jiġi ribadit ukoll li l-finalita` tad-diżabilita` mġarrba mill-attriċi ma tistax tintesa peress li fi kliem l-espert mediku *ex parte*, ir-retina ta’ għajnha hija distakkata u “*beyond repair*”, kif ukoll “*no surgery was indicated here as the **damage was irreversible**.”* Minkejja li l-attriċi ħadet ukoll parir mediku ieħor fl-Ingilterra, jingħad li “*the prognosis was very negative...”.* Isegwi daqstant li ma hemmx lok li l-attriċi appellata terġa’ takkwista dak li tilfet konsegwenza tal-inċident li għalih il-konvenut appellant huwa unikament responsabbli. Isegwi li r-reintegrazzjoni lill-attriċi għall-ħsara li ġarrbet ma tistax tkun ħlief dik li tiġi kkumpensata għat-telf ta’ qligħ potenzjali mitlub minnha, kif spjegat qabel, u dan fuq il-medda ta’ snin tal-ħajja lavorattiva tagħha, li jinkorpora

fih dak li jissejjaħ bħala *chances and changes of life,* sabiex jintlaħaq il-bilanċ meħtieġ.

26. L-ewwel Qorti fis-sentenza appellata tagħmel referenza għat-tabella adottata minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Spiteri v. Joseph Magro,** fejn l-eta` tal-vittma tkun bejn is-sittax u l-għoxrin sena hemm indikat *multiplier* ta' 37, tabella li fil-fehma ta' din il-Qorti hija pjuttost oġġettiva, kunsidrata wkoll l-estensjoni tal-eta` tal-irtirar għal 65 sena. Wara kollox, fis-sentenza ta' **Bottone et v. Spiteri et** ċitata mill-appellant, hemm ukoll tifla minuri li ġiet akkordata *multiplier* ta' 35 fi żmien meta l-eta` tal-irtirar kienet għadha ta' sittin sena. Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju, 2007, fil-kawża fl-ismijiet **Raymond Fenech et v. Kunsill Lokali Żebbuġ et,** ġie kkonfermat *multiplier* ta' 38 f'każ ieħor ta' tifla minuri, proprju minħabba l-element tal-estensjoni tal-eta` tal-irtirar. Kwindi din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti għamlet użu għaqli mid-diskrezzjoni tagħha fl-għażla tal-*multiplier* adoperat minnha, kunsidrata l-eta` tal-attriċi appellanti meta seħħ l-inċident u ma ssib xejn x'tiċċensura fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* kalkolat mill-ewwel Qorti.

27. Jiġi osservat li fir-risposta tal-appell tagħha, l-attriċi appellata tirrileva li għalkemm l-ewwel Qorti kienet korretta fil-kalkoli tagħha meta ddeċidiet li kien hemm lok għal *lump sum deduction* ta' 20%, kunsidrat li

l-ewwel Qorti ddeċidiet il-każ fi żmien sentejn minn meta ġie ntavolat il-każ, titlob lil din il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni ż-żmien li jkun għadda mid-data tal-ewwel sentenza sakemm ser tingħata din is-sentenza, sabiex il-*lump sum payment deduction* tiġi aġġustata kif għandha tkun. Madankollu jiġi osservat li, l-attriċi appellata ma interponiet l-ebda appell inċidentali sabiex din il-Qorti tkun tista' tintervjeni f'dan is-sens u għalhekk mhux ser tqis din is-sottomissjoni tal-attriċi appellata ulterjorment.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, tiċħad l-appell tal-konvenut appellant u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ, b'dan illi l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata, sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da